MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 731/2007

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 919/07 tal-21 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet :**

**John Saliba**

***kontra***

**Giuseppa 665836M mart Philip Saliba**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fil-5 ta` Lulju 2007 kontra John Saliba ("l-intimat") fejn Giuseppa Ellul, Annie Micallef, Emanuel Saliba u Miriam Saliba ("ir-rikorrenti"), ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu li jitnehha l-mandat ta`

sekwestru fuq riferit ghaliex ighidu li jikser dak li hemm provdut fl-Art.836(1)(c), (d) u (f) u fl-Art.836(8)(b) u (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll talbu l-kundanna tal-intimat ghall-hlas ta` penali ta' mhux anqas minn hames mitt lira (Lm 500) u ta` mhux izjed minn tlitt elef lira (Lm 3000) skond kif jipprovdi l-Art.836(8) tal-Kap.12. Fin-nuqqas l-intimat garanzija xieraq u konsonanti mal-ammont indikat minnu.

Rat ir-risposta prezentata fit-8 ta` Ottubru 2007 fejn, ghar-ragunijiet minnu ndikati, kkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-atti kollha ta` dan il-procediment fosthom in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2010 fejn halliet dan il-procediment ghall-ghoti ta` provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat :**

Meta l-intimat li kontrih ikun inhareg att kawtelatorju (u cioe` r-rikorrenti odjerni) jipprocedi skond l-Art.836(1) tal-Kap.12 sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-att, huwa obbligat biss li jressaq it-talba tieghu permezz ta' rikors u jsostni t-talba skond xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi (a) sa (f) tal-istess Art.836(1). Skond il-ligi ir-rikors m'ghandux ghalfejn ikun mahluf. Fil-kaz tal-lum, ir-rikors kien mahluf mir-rikorrent Emanuel Saliba.

Fil-kaz in esami, ir-rikorrenti ressqu t-talba taghhom abbazi ta' tlieta mir-ragunijiet indikati fl-**Art.836** tal-Kap.12 u cioe` -

il-paragrafu **(c)** li jghid :-

*li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta` min ikun talab il-hrug ta` l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta` att kawtelatorju iehor, inkella jekk dik il-garanzija ohra tista` ghas-sodiosfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni.*

il-paragrafu **(d)** li jghid :-

*jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv.*

il-paragrafu **(f)** li jghid :-

*jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

L-**Art.836(8)** tal-Kap.12 jaghti lill-Qorti diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkun ippresentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie presentat l-att f'numru specifikat ta' kazi li huma ndikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-istess subartiklu.

Ir-rikorrenti qed ighidu li din il-Qorti ghandha timponi penali abbazi tal-paragrafi (b) u (d) u cioe` :-

Il-paragrafu **(b)** jghid :-

*jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed : Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-*

*paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat.*

il-paragrafu **(d)** jghid :-

*jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Hemm imbaghad l-**Art.838A** tal-Kap.12 li jghid :-

*Il-Qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.*

**Ikkunsidrat :**

Huwa ben evidenti li f`dan il-procediment il-partijiet ressqu provi, inkluz kwantita` gmielha ta` dokumenti, li jiskonfinaw fil-kwistjoni tal-mertu ta` bejniethom (li qeghda tisma` wkoll din il-Qorti kif presjeduta) aktar milli jincidu direttament fuq l-istanzi taghhom fil-procedura tal-lum. Issa fl-accertament tat-talbiet tar-rikorrenti ghall-fini ta` dan il-procediment, l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie* u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza propja. (PA/RCP – **"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co Ltd"** tas-7 ta' Frar 2001 u PA/JRM – **"Mediterranean Flower Products Limited vs Flower Power (Sales) Limited"** tat-30 ta' Dicembru 2008). Jispetta lir-rikorrenti li jaghmlu l-prova tat-talbiet taghhom ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru

de quo u tat-talbiet l-ohra relatati. *In ogni caso*, f`dak li sejra tipprovdi llum, din il-Qorti bl-ebda mod ma ghandu xi hadd jifhem li qeghda tippronunzja ruhha dwar il-mertu.

*Prima facie* jirrizulta hekk –

1) Fil-kawzali tal-mandat kawtelatorju de quo li tigbor il-bazi tal-pretensjoni tieghu, l-intimat mhux jitlob li jigi kawtelat biss dak pretiz bhala spettanti lilu mill-assi mobbli provenjenti mill-patrimonju tal-genituri tieghu b`wirt fil-kaz tal-missier u b`legittima fil-kaz tal-omm izda kull ma huwa pretiz minnu bhala spettanti lilu mill-patrimonju kollu tal-genituri tieghu.

2) Sabiex tara jekk hijiex fondata t-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-mandat de quo, din il-Qorti jrid ikollha *mad-daqqa t`ghajn* prova tal-konsistenza tal-patrimonju ta` Alexander Saliba (li tieghu l-intimat ghandu sehem mill-wirt) u ta’ Loreta Saliba (li mill-wirt taghha qieghed jippretendi l-hlas tal-legittima).

3) Huwa evidenti mill-provi kif rifless anke fin-noti ta` sottomissjonijiet tal-partijiet li anke llum ghad hemm kontestazzjoni qawwija bejniethom specjalment dwar il-konsistenza tal-patrimonju ta` Loreta Saliba.

4) Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu r-revoka *in toto* tal-mandat.

**Ikkunsidrat :**

Ghall-fini tal-pretensjoni kif dedotta fil-mandat, l-intimat indika s-somma ta` Lm 400,000, figura li kienet ghal kollox kontestata bhala dovuta lilu mir-rikorrenti.

Dawn isostnu l-kontestazzjoni taghhom bl-argument li l-patrimonju shih tal-ġenituri ma jista` qatt jigi komputat ghal valur li jwassal sabiex l-intimat jiehu dik il-figura. Fl-istess waqt ma jaghtux prova rikjesta ghall-fini ta` dan il-proċediment li l-pretensjoni tal-intimat hija *prima facie* eccessiva jew addirittura frivola u vessatorja. Din il-Qorti tghid li l-kwistjoni tant hija relatata mal-mertu li fl-istat ta` fatt llum din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha bil-mod u fit-termini pretizi mir-rikorrenti.

F`dan il-kuntest taghmel riferenza ghall-**<u>provvediment moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005</u>** –

*Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekuanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kiekju l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddecioedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-param,etri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug talk-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.*

Ghalhekk din il-Qorti ssib li ma tistax tirrevoka l-mandat de quo abbazi tal-Art.836(1)(c)(d) u (f) tal-Kap.12. Ghalhekk mhux il-kaz din il-Qorti tapplika l-Art.836(8)(b) u (d) tal-Kap.12.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti tichad t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti u tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------